# IS-SLIEM TA' ĠESU' RXOXT

**L-1 QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**
**Atti 5, 12-16**

Bis-saħħa ta' l-appostli kienu qegħdin isiru ħafna mirakli u għeġubijiet kbar fost il-poplu. Kienu jiltaqgħu lkoll flimkien fil-portiku ta' Salamun. Ħadd mill-oħrajn ma kien jissogra jissieħeb magħhom; imma kulħadd kien jagħtihom l-ogħla tifħir.
Il-għadd ta' dawk li kienu jemmnu fil-Mulej, sew irgiel sew nisa, kien dejjem jiżdied u joktor, hekk li kienu wkoll iġorru l-morda tagħhom fi triqat wiesgħa u jqegħduhom fuq sodod u mtieraħ biex, xħin igħaddi Pietru, jaqa' mqar id-dell tiegħu fuq xi ħadd minnhom.
In-nies kienu jiġu mill-ibliet ta' madwar Ġerusalem, iġorru magħhom lil dawk li kienu morda u li kienu maħkuma mill-ispirti mniġġsa; u lkoll kienu jitfejqu.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm117**
**Faħħru 'l Mulej, għaliex hu tajjeb!**

Ħa jgħidu wlied Israel: 'It-tjieba tiegħu għal dejjem!'
Ħa tgħid id-dar ta' Aron: 'It-tjieba tiegħu għal dejjem!'
Ħa jgħidu dawk li jibżgħu mill-Mulej:
'It-tjieba tiegħu għal dejjem!'

**R/. Faħħru 'l Mulej, għaliex hu tajjeb!**

Il-ġebla li warrbu l-bennejja
saret il-ġebla tax-xewka.
Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan: ħaġa ta' l-għaġeb f'għajnejna.
Dan hu l-jum li għamel il-Mulej;
ħa nifirħu u nithennew fih!

**R/. Faħħru 'l Mulej, għaliex hu tajjeb!**

Ejja, nitolbuk, Mulej, salvana!
Ejja, nitolbuk, Mulej, agħtina r-riżq!
Imbierek minn ġej f'isem il-Mulej!
Inberkukom minn dar il-Mulej.
Il-Mulej hu Alla; hu jsalvana.

**R/ Faħħru 'l Mulej, għaliex hu tajjeb!**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu.**
**Apok1, 9-11a, 12-13, 17-19**

Jiena, Ġwanni, li f'Ġesu' Kristu jiena ħukom u sieħeb tagħkom fit-taħbit u fis-saltna u fis-sabar. Minhabba fil-kelma ta' Alla u x-xhieda ta' Ġesu', sibt ruħi fil-gżira li jisimha Patmos.
Darba, f'jum il-Mulej, ħassejtni merfugħ fl-Ispirtu, u minn warajja smajt leħen qawwi, bħal tromba, jgħidli: 'Kull ma tara niżżlu fi ktieb u ibagħtu lis-seba' knejjes.'
U jiena dort biex nara min kien qiegħed ikellimni; u, kif dort, rajt seba' kandelabri tad-deheb, u f'nofs il-kandelabri kien hemm wieħed qisu Iben ta' bniedem, liebes libsa twila sa' wiċċ saqajh, b'sidru mħażżem bi ħżiem tad-deheb.
Jien, kif rajtu, waqajt f'riġlejh qisni mejjet. Iżda hu medd idu fuqi u qalli: 'Tibżax: jiena hu l-Ewwel u l-Aħħar, jiena l-Ħaj; jien kont mejjet, u ara, jien issa ħaj ghal dejjem ta' dejjem, u għandi jinsabu l-imfietaħ tal-Mewt u ta' Qiegħ l-art. Ikteb kull ma tara, kemm il-ħwejjeġ li hawn issa u kemm dawk li se jiġru 'l quddiem.'

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**Hallelujah, Hallelujah**
Tumas, emmint għax rajt, igħid il-Mulej;
ħenjin dawk li ma rawx u emmnu.
**Hallelujah**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann.**
**Ġw 20, 19-31**

Dak il-Ħadd filgħaxija, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mill-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesu' u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Il-paċi magħkom!'' Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw il-Mulej. Imbagħad Ġesu' tenna jgħidilhom: "Il-paċi magħkom! Kif Missieri bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom.'' Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: id-dnubiet ta' dawk li taħfru jkunu maħfura, u d-dnubiet ta' dawk li żżommu jkunu miżmuma.''
Wieħed mit-Tnax, Tumas, imlaqqam it-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesu'. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna l-Mulej.'' Iżda hu qalilhom: "Jekk ma narax f'idejh il-marka ta' l-imsiemer, jekk ma nqegħidx sebgħi fuq il-marka ta' l-imsiemer u idi fuq ġenbu, jiena ma nemminx.''
Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa u Tumas kien magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma Ġesu' daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Il-paċi magħkom!'' Imbagħad qal lil Tumas: "Newwel sebgħek 'il hawn u ara idejja, u ġib idek u qegħidha fuq ġenbi: qis li ma tonqosx fik il-fidi, iżda emmen.'' Wieġbu Tumas u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħI!'' Qallu Ġesu': "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu.''
Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesu' għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li mhumiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu biex intom temmnu li Ġesu' hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'Ismu.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**